**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 30 ta' Ġunju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andy Rotin)**

**vs**

**Don Axiaq**
**(KI: 127582M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Don Axiaq** li ġie akkużat talli nhar tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Ġunju 2022 għall-ħabta tat-tlieta (03:00hrs) ta' filgħodu u/jew f'ħinijiet wara u/jew qabel ġewwa Triq Giovanni Barbara, Ħamrun u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer:

1. Ittanta li jikkommetti serq minn ġewwa vettura tal-għamla Mazda Demio bin-numru tar-reġistrazzjoni ACD-906, għad-detriment ta' Anthony Grech u/jew ta' xi persuna/i u/jew entita/jiet oħra, liema serq ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. Kif ukoll talli sar reċediv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

3. Talli ukoll naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Maġistrat Dr. D. Clarke LL. D) mogħtija dakinhar tat-3 ta' Awwissu 2019 u dan billi kkommetta reat ta' natura volontarja;

4. Kif ukoll talli għamel għamel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, għad-detriment ta' Anthony Grech u/jew ta' xi persuna/i u/jew entita/jiet oħra;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinflinġi l-piena stabbilita skond il-liġi, tikkundanna l-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż kollha jew parti mill-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti li jkunu ġew maħtura fil-proċeduri billi tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti se ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi l-imputat għandu bżonn għajnuna sabiex jirregola ħajtu. Id-difiża spjegat li preżentement l-imputat qiegħed jieħu l-methadone u sejjer tajjeb. L-imputat spjega ukoll illi jieħu ħsieb tifel ta' tnax-il sena.

Illi l-Qorti wara ħadet dan kollu inkonsiderazzjoni hija disposta li tagħti lill-imputat ċans jiġi fuq saqajh, jekk huwa jrid. Għalhekk se tkun qiegħda tpoġġih

taħt Ordni ta' Probation biex jiġi segwit u ggwidat sabiex jegħleb l-ostakoli li kien qiegħed jiffaċċja f'dawn l-aħħar żminijiet. Illi pero` l-imputat irid jagħraf jieħu din l-opportunita` u jaħseb fit-tifel qabel ikun se jikkommetti xi reat ieħor. Il-Qorti qiegħda tfiehem lill-imputat illi sabiex ikun fi stat li jieħu ħsieb lit-tifel tiegħu, l-ewwel u qabel kollox irid jieħu ħsieb tiegħu innifsu u huwa proprju għalhekk li hija lesta li tagħtih din l-opportunita`.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 41, 49, 50, 263, 270, 271, 281, 340 (d) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Don Axiaq** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tpoġġih taħt **Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha. Madanakollu il-Qorti m'hu se tkun qed tapplika ebda konfsika ta' kwalunkwe ammont depożitat jew impoġġi bħala garanzija personali peress li fl-atti ma ġie esebit ebda digriet li permezz tiegħu l-imputat ngħata l-ħelsien mill-arrest. Lanqas m'hu qiegħda tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħati il-konsegwenzi jekk huwa ma josservax il-kundizzjonijiet kollha tal-Ordni ta' Probation u/jew f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tal-istess Ordni.

Il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti stante li l-ebda espert ma ġie nominat.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur